**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 510/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**MOHAMMED OMAR MUSTAFA**
**(ID: 118543A)**

**Illum, 14 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **MOHAMMED OMAR MUSTAFA** detentur tal-karta ta' l-identita' 118543 (A) tressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar il-24 ta' Mejju 2014, gewwa San Giljan, ghal habta ta' 1:15 am, ikkommetta serq ta' handbag, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin ghad-detriment ta' Lea Rey u/jew persona/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-22 u 23 ta' Mejju 2014 ghal habta ta' 12:45am minn gewwa residenza gewwa San Giljan, ikkometta serq ta' mobile phone

ghad-dannu ta' Joanna Camilleri u jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-lok

3. U aktar talli nhar it-23 ta' Mejju 2014 gewwa San Giljan ghal habta tal-5:00am, ikkometta serq ta' mobile phone u oggetti ohra ghad-dannu ta' Sierra Gonzalez, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, valur u bil-vjolenza

4. U aktar talli nhar it-23 ta' Mejju 2014 gewwa San Giljan ghal habta tal-5:00am, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sierra Gonzalez skond ma ccertifika Dr. Paul Mangion MD reg no. 1774 mill-poliklinika tal-Gzira

5. U aktar talli nhar it-23 ta' Mejju 2014 gewwa San Giljan ghal habta tal-5:00am gewwa San Giljan, ikkometta serq ta' kartiera u flus kontanti ghad-dannu ta' Gowdin Gauchi, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, valur u bil-vjolenza

6. U aktar talli nhar it-23 ta' Mejju 2014 gewwa San Giljan ghal habta tal-5:00 am, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gowdin Cauchi skond ma ccertifika Dr. Mark Biancardi MD mill-isptar Mater Dei

7. U aktar talli matul dan l-ahhar gimghat xjentement, laqa ghandu jew xtara hwejjeg, li kienu misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, l-isemmi Mohammed Omar Mustafa jhallas lil partijiet offizi dak l'ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reat.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 23 ta' Lulju 2015 permezz ta' liema baghat lill-imputat Mohammed Omar Mustafa biex jigi aggudikat minn din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif mahsub fis-segwenti dispozizzjonijiet tal-Ligi:

a. Fl-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 261(f), 270, 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 261(b)(e)(f), 263, 269, 270, 278(1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 261(a)(c)(f), 262, 267, 270, 274(c), 276, 277(a), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 214, 215, 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-artikoli 261(a)(c)(f), 262, 267, 270, 274(a), 276, 277(a), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-artikoli 214, 215, 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. Fl-artikoli 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
i. Fl-artikoli 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja minn din il-Qorti[1];

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet moghti mis-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli Prim'Imhallef, b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta, u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

---

[1] 22 ta' Frar 2018, fol.250

Rat li giet ezentata mill-partijiet milli terga' tisma' x-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mid-difiza[2] u rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-atti processwali[3];

Semghet it-trattazzjoni finali;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2019 il-partijiet qablu li l-kawza tithalla ghas-sentenza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**<u>OSSERVAZZJONIJIET DWAR IL-PROVI</u>**

- <u>L-Istqarrija tal-Imputat</u>

Il-Qorti qieghda qabel xejn tqanqal *sponta sua* l-inammissibbilita` bhala prova tal-istqarrija li ttiehdet minghand l-imputat fl-24 ta' Mejju 2014 u li tinsab esebita a fol. 12 *et seq.* tal-atti. Dan minhabba li fiz-zmien meta ttiehdet din l-istqarrija, l-imputat, allura suspettat, ma kellux dritt ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija u effettivament f'dan il-kaz l-istqarrijiet ittiehdu minghand l-imputat mhux biss minghajr il-presenza u assistenza ta' avukat izda minghajr lanqas ma nghatalu d-dritt li jaghzel li jkollu din l-assistenza legali.

[2] 24 ta' Jannar 2019.

[3] Fl-istess udjenza tal-24 ta' Jannar 2019.

Il-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[4] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[5], moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, pacifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm dritt ghall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Fil-kaz deciz recentement mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Fazli Kaya vs Turkey**[6], gie ribadit illi jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq meta l-akkuzat ma jkollux jedd ghall-assistenza tal-avukat matul l-interrogazzjoni ghaliex il-ligi tal-pajjiz ma tkunx tippermetti din l-assistenza.

In propositu, fil-kaz **Dayanan vs Turkey**[7], il-Qorti Ewropea kienet irriteniet awtorevolment illi:-

*"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.*

*32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). … … …*

*33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see Salduz, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the*

[4] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.
[5] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.
[6] Appl. No. 24820/05, deciz 17/09/2015.
[7] Appl. No. 7377/03 deciz 13/10/2009.

*applicant remained silent when questioned in police custody.”* (sottolinejar tal-Qorti)

Illi meta ghalhekk il-ligi taghna eskludiet il-jedd ghall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija billi fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija minghand l-imputat odjern f'Mejju tas-sena 2014, ma kienx hemm disposizzjoni *ad hoc* li jinghata dan il-jedd lil persuna arrestata jew suspettata, is-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li ssehh lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata, kienu mankanti. Il-Qorti tqis illi dan jghodd ukoll fil-kaz odjern minkejja li ma jirrizultax li saret xi dikjarazzjoni inkriminanti fl-istqarrijiet moghtija mill-imputat. Hija wkoll tal-fehma illi kull haga li jkun intqal jew ma jkunx intqal waqt l-interrogazzjoni li tkun saret minghajr ma jkun inghata d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istess interrogazzjoni, billi ma kienx hemm dawk is-salvagwardji kontra r-riskju ta' intralc tad-dritt ghal smigh xieraq, ma tistax tiqies li hija ammissibbli bhala prova valida fil-proceduri kriminali li jkunu eventwalment ittiehdu kontra l-istess persuna.

Fil-kawza odjerna, mehud qies tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti tqis li jkun ghaqli li sabiex jigi evitat li l-proceduri odjerni jigu kompromessi b'xi forma ta' irregolarita` li tista' twassal ghall-ksur tad-dritt tal-imputat ghal smigh xieraq, m'hijiex sejra taghmel uzu mill-kontenut tal-imsemmija stqarrija tal-imputat meta tigi biex tqis il-provi migjuba f'dawn il-proceduri.

- Il-Baskett tal-Imputat

Qabel xejn, il-Qorti tqis li ma tistax ma taghmilx is-segwenti osservazzjonijiet dwar ir-rizultanzi tal-provi dwar il-baskett allegatament appartenenti lill-imputat, li fih instabu diversi oggetti misruqa fosthom uhud mill-oggetti misruqin minghand Sierra Gonzales[8] u allegatament ukoll it-telefon cellulari li

[8] Ref. it-tielet akkuza.

nsteraq minghand Joanna Camilleri[9]. Huwa evidenti illi jezistu kontradizzjonijiet mhux negligibbli bejn il-verzjonijiet moghtija mid-diversi xhieda li ddeponew f'dawn il-proceduri in konnessjoni mas-sejba ta' dan il-baskett.

PS 750 Terry James Mallia, li kien l-Ufficjal tal-Pulizija li kien prezenti fl-Ghassa tal-Pulizija fl-24 ta' Mejju 2014 meta l-imputat mar jirrapporta li kienu hebbew ghalih xi persuni, u li kien ukoll ircieva r-rapport maghmul minn Lea Rey ftit wara, xehed illi l-persuni li gew jirrapportaw is-serq tal-*handbag* tal-istess Lea Rey, kienu elevaw mhux biss il-*handbag* taghha izda wkoll baskett li skont huma, halla warajh fl-art l-imputat li skont huma, kien il-persuna li seraq lil Lea Rey u li harab minn fuq il-post. Dan ix-xhud ma jghidx min kienet il-persuna li effettivament elevat il-baskett tal-imputat u ghaddietulu, izda mill-okkorrenza relattiva[10] hemm indikat illi Lea Rey kienet marret l-Ghassa tirrapporta s-serq, flimkien ma' certu Nicholas Sultana[11]. Meta gie mistoqsi jekk barra dan il-*handbag* kienx hemm affarijiet ohra li nstabu, PS 750 wiegeb li kien hemm "*erba' (4) mobiles li kienu gol-baskett ukoll ... mhux fil-baskett tas-sinjorina imma fil-baskett tieghu.*"

Din il-verzjoni ta' fatti giet konfermata mill-imputat innifsu li xehed quddiem il-Qorti[12] illi huwa kien halla l-baskett tieghu proprju fil-post fejn grew warajh xi nies, hebbew ghalih, sawtuh u waqqghuh mal-art. Jghid li huwa mar l-Ghassa tal-Pulizija minn jeddu biex jirrapporta li hebbew ghalih xi persuni u li dawn wegghuh. Ghalkemm din il-verzjoni hija michuda mill-Ispettur Trevor Micallef meta xehed in kontro-ezami, il-Qorti tosserva li x-xhud PS 750 Terry James Mallia ikkonferma fid-depozizzjoni tieghu illi effettivament kien l-imputat l-ewwel li mar jirrapporta l-Ghassa u li kien ftit tal-hin wara, li waslu

---

[9] Ref. it-tieni akkuza.
[10] Dok. TJM a fol. 125 *et seq.*
[11] *"Complainant reported at this end together with Nicholas Sultana."*
[12] Seduta tal-11 ta' April 2018.

hemmhekk id-derubata Lea Rey akkumpanjata minn persuna ohra, liema persuni jidher li gabu maghhom il-baskett tal-imputat[13].

L-imputat xehed hekk:-

"*Meta dawn hebbew ghalija jiena hallejt il-baskett tieghi fuq il-post u hallejthom f'dawk in-nies li kienu qed jagreduni, li kienu huma li gabu l-baskett tieghu fid-Depot.*"

Ghall-Qorti dan ifisser illi l-imputat jaccetta illi l-baskett li hadu maghhom l-Ghassa l-persuni li rrapportaw is-serq fl-24 ta' Mejju 2014, huwa proprju l-baskett tieghu li kien halla vicin l-istabbiliment[14] fejn Lea Rey giet allegatament misruqa, u li fih instabu erba' mobile phones u oggetti ohra allegatament misruqin, liema oggetti gew imsemmija fix-xhieda ta' PS 750 Terry James Mallia. Ghalkemm l-imputat jammetti illi fil-baskett tieghu, meta dan ingieb fl-Ghassa tal-Pulizija, instabu tnejn jew tliet mobiles, huwa jghid ukoll illi dan il-baskett tieghu dam fil-pussess tal-persuni li gabuh l-Ghassa, xi kwarta jew ghoxrin minuta u cahad li huwa kien seraq xi mobile phones. Madanakollu, huwa ma setax jaghti spjegazzjoni kif dawn l-oggetti nstabu fil-baskett tieghu.

F'dan l-istadju l-Qorti tosserva illi ma huwa indikat imkien fl-okkorrenza dwar din is-serqa illi kienu Lea Rey u Jack Dyer Bailey, il-persuni li effettivament xehdu quddiem il-Qorti dwar din is-serqa, li gabu maghhom l-Ghassa l-baskett tal-imputat, u kull ma hemm imsemmi dwar dan l-baskett huwa illi *"A search was carried out where 4 mobile phones were found and other items which were reported stolen on the 22nd May (6A/N/3157/2014) ref Joanna Camilleri"*. Effettivament, kemm Lea Rey kif ukoll Jack Dyer Bailey, meta ddeponew quddiem il-Qorti, <u>imkien ma semmew illi huma elevaw jew hadu maghhom l-</u>

[13] Din il-verzjoni kien ukoll ikkonfermaha l-iSpettur Trevor Micallef meta kien xehed originarjament fit-3 ta' Gunju 2014.
[14] Juuls.

Ghassa l-baskett tal-imputat. Jack Dyer Bailey, fix-xhieda tieghu xehed hekk fir-rigward:-

"*... the manager of the bar, he came out and asked me what happened. And then he saw the man leaving, he caught the man, he came back with this man's bag and after that, he went to the Police with my girlfriend* [Lea Rey]."[15]

Minn dan kollu huwa evidenti li kien hemm terza persuna, li mill-okkorrenza Dok. TJM jidher illi kien certu Nicholas Sultana, li kien mar l-Ghassa jirrapporta s-serq flimkien ma' Lea Rey, u jidher li kien hu li eleva l-baskett tal-imputat u hadu l-Ghassa. Madanakollu, din il-persuna ma tressqitx mill-Prosekuzzjoni bhala xhud biex jispjega l-involviment tieghu fil-kaz, jekk kienx ra lill-imputat fl-istabbiliment Juuls u, fuq kollox, fl-isfond ta' dak li xehed Jack Dyer Bailey, biex jghid jekk kienx effettivament hu li eleva dan il-baskett u fl-affermattiv, x'kien hemm gol-baskett u fejn instab eventwalment il-baskett ta' Lea Rey.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tqis illi n-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tressaq lil Nicholas Sultana biex jixhed dwar il-baskett tal-imputat, huwa wiehed gravi illi bla dubju jsarraf fin-nuqqas ta' holqa essenzjali fil-katina ta' evidenza intiza biex twassal ghall-htija tal-imputat ghas-serq tal-oggetti, fosthom dawk appartenenti lil Sierra Gonzales[16] u allegatament lil Joanna Camilleri[17]. Dan in-nuqqas ikompli jassumi iktar gravita` fid-dawl tal-fatt illi Jack Dyer Bailey xehed bla tlaqliq illi meta kkonfronta lill-imputat dwar is-serq tal-*handbag* ta' Lea Rey fl-istabbiliment Juuls, u l-imputat urih il-baskett tieghu, huwa ra li dan il-baskett kien vojt. Jack Dyer Bailey xehed hekk fir-rigward:-

---

[15] Xhieda tal-21 ta' Awwissu 2014, fol. 102.
[16] Ref. it-tielet u r-raba' imputazzjoni.
[17] Ref. it-tieni imputazzjoni.

*"... I asked him to open his bag and there was nothing in it."*[18]

Illi dawn in-nuqqasijiet u inkonsistenzi fir-rizultanzi dwar il-provi, jassumu dimensjoni akbar meta wiehed iqis illi l-Ispettur Arthur Mercieca xehed[19] illi l-imputat, meta gie arrestat fil-lejl tal-24 ta' Mejju 2014, kellu fil-pussess tieghu basket blu li fih instab mobile Samsung (Dok. AM1). Imbaghad, in kontro-ezami, l-istess Spettur filwaqt li rega' afferma illi l-mobile phones insabu fil-pussess u fuq il-persuna tal-imputat[20], zied jghid illi l-baskett ingieb l-Ghassa minn Reuben Moreno Terron li kien fil-kumpannija ta' Sierra Gonzales. Din il-verzjoni wkoll tikkuntrasta b'mod irrikonciljabbli ma' dak li xehed PS 750 Terry James Mallia, cioe` illi kien Nicholas Sultana u Lea Rey li gabu baskett tal-imputat maghhom l-Ghassa.

Maghdud dan, il-Qorti ma tistax twarrab il-verzjoni tal-Ispettur Trevor Micallef li, in kontro-ezami, xehed illi fl-Ghassa hadd ma gablu baskett tal-imputat u l-uniku basket li kien gie moghti lill-Pulizija fl-Ghassa kien dak li jappartjeni lil Lea Rey, li gie moghti lilhom mhux mill-imputat.

F'dan l-isfond ta' inkonsistenzi u dubji, jidher li ghandha ragun id-difiza meta tissottometti illi t-tehid tal-impronti digitali tal-imputat jew ta' *lifters* tal-impronti misjuba fuq l-oggetti li nstabu fil-baskett tal-imputat, kien fondamentali biex jigi stabbilit l-involviment tal-imputat, talanqas fis-serqiet fuq Joanna Camilleri u Sierra Gonzales fejn il-Prosekuzzjoni tghid illi l-oggetti misruqa nstabu go dan il-baskett tal-imputat. Fir-rigward, il-Qorti taqbel illi fl-assjem tal-provi, liema provi fil-fehma taghha ma jilhqux il-grad tal-prova mehtieg biex iwassal ghall-konvinzjoni li l-oggetti li qed jigi allegat li kienu

---

[18] Xhieda tal-21 ta' Awwissu 2014, fol. 102. Ix-xhud tenna li l-baskett kien vojt darbtejn fit-testimonjanza tieg-hu.
[19] In kontro-ezami, seduta tal-11 ta' April 2018.
[20] Kien ghalhekk li, skont dan ix-xhud, ma nhassx il-bzonn li jittiehdu impronti digitali.

misruqin[21], u fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ezami komparattiv bejn l-impronti digitali tal-imputat u dawk li setghu instabu fuq l-oggetti fil-baskett tieghu, kienet isservi biex taghmel tajjeb ghall-holqa nieqsa fic-*chain of evidence* li kellha tghaqqad lill-imputat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mal-oggetti misruqa li nstabu fil-baskett.

**Minn dan kollu, il-Qorti tqis li hemm wisq kontradizzjonijiet u ekwivoci fil-provi li hemm fl-atti dwar <u>is-sejbien tal-baskett tal-imputat</u>, u tqis ghalhekk li <u>meqjusa wahedha</u>, din l-evidenza ma tistabbilixxix u lanqas tikkonvinci lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi kien proprju l-imputat li seraq l-oggetti li nstabu fil-baskett, fosthom il-kartiera u cwievet ta' Sierra Gonzales, u l-mobile phone li allegatament jappartjeni lil Joanna Camilleri. Hija ghalhekk tal-fehma illi ghall-fini tas-sejbien ta' htija talanqas ghar-reati li allegatament gew kommessi mill-imputat ghad-detriment ta' dawn l-imsemmija persuni, huwa imperattiv li tigi stabbilita l-ezistenza ta' provi jew indizzji ohrajn ulterjuri li jorbtu lill-imputat ma' dawn l-addebiti.**

- <u>Ix-Xhieda ta' Hamza Khamel El Bokoushli</u>

Fir-rigward tax-xhieda ta' Hamza Khamel El Bokoushli[22], il-Qorti tqis li ftit li xejn jista' jinghata xi piz lit-testimonjanza ta' dan ix-xhud in sostenn tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat. Il-Prosekuzzjoni tallega illi dan ix-xhud kien mal-imputat meta kkomettew flimkien is-serqiet li llum jinsab mixli bihom l-imputat odjern, u illi l-istess xhud ammetta l-htija tieghu ghal dawn ir-reati fil-proceduri kriminali separati li ttiehdu fil-konfront tieghu.

[21] Fil-kaz ta' Sierra Gonzales, jirrizulta ppruvat illi l-oggetti li nsterqu mill-pussess tieghu fit-22 ta' Mejju 2014 instabu f'dan il-baskett tal-imputat.
[22] Seduta tal-24 ta' Marzu 2015.

Izda, il-Qorti tosserva li filwaqt illi fit-testimonjanza tieghu dan ix-xhud ma jaccenna ghal ebda serqiet partikolari u ma jaghti ebda taghrif kwalsiasi dwar il-partikolaritajiet ta' dati, hin u oggetti allegatament misruqa li jistghu iservu sabiex jikkorroboraw ir-rizultanzi tal-provi processwali, jirrizulta wkoll illi x-xhud ma jiftakar kwazi xejn ghaliex skont hu, kien fis-sakra meta seraq. Inoltre, ghalkemm ix-xhud isemmi d-data "22" minghajr ma jaghti ebda taghrif ulterjuri, il-Qorti tosserva illi l-imputat qed jigi mixli li seraq lil Lea Rey fl-24 ta' Mejju 2014 u lid-deruabti l-ohra fit-23 ta' Mejju 2014.

Izda fuq kollox, il-Prosekuzzjoni baqghet ma esebietx is-sentenza moghtija fil-proceduri kriminali li qed jigi allegat li gew istitwiti fil-konfront ta' dan ix-xhud fejn, dejjem allegatament, huwa ammetta l-htija tieghu ghall-istess serqiet mertu tal-proceduri odjerni. F'dan l-isfond il-Qorti ma ghandha ebda prova kwalsiasi illi x-xhud kien qed jixhed dwar is-serqiet mertu tal-proceduri odjerni. Ghaldaqstant, tqis li din it-testimonjanza ma ghandha ebda valur probatorju ghall-finijiet tal-proceduri odjerni.

## IT-TIENI IMPUTAZZJONI[23]

Illi l-Qorti f'dan l-istadju, u mizmum ferm ukoll il-konsiderazzjonijiet u osservazzjonijiet appena maghmulin dwar il-provi, partikolarment dawk koncernanti l-baskett tal-imputat li fih instabu xi oggetti misruqin, sejra tibda billi tittratta t-tieni imputazzjoni. Hawnhekk, l-imputat qed jigi mixli talli fil-lejl bejn it-22 u t-23 ta' Mejju 2014 ghall-habta ta' 12.45 a.m. minn gewwa residenza San Giljan, ikkometta serq ta' mobile phone ghad-dannu ta' Joanna Camilleri jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-lok.

[23] Joanna Camilleri.

Fir-rigward, xehdet l-imsemmi Joanna Camilleri li spjegat illi waqt li hija kienet rieqda fir-residenza taghha flimkien ma' zewgha, qamet billi semghet hoss tat-telefon cellulari taghha, li kien qieghed fuq il-komodina hdejn is-sodda, qed jinqala' minn mac-charger minn persuna li hija ddeskrivietha bhala guvni ta' eta zghira ta' xi ghoxrin sena xaghru iswed, twil xi hames piedi u ghaxar pulizeri. Tghid illi din il-persuna serqet il-mobile taghha billi qabzet minn gol-gallarija ghat-triq.

Madanakollu, meta Joanna Camilleri xehdet quddiem il-Qorti, hija ddeskriviet il-persuna li serqet il-mobile taghha bhala ta' "karneggon skur." Il-Qorti tosserva illi din id-deskrizzjoni tal-karnaggon ma kienetx inghatat minn din ix-xhud *a tempor vergine* fir-rapport li hija ghamlet lill-Pulizija dwar is-serqa. Inoltre, ghalkemm din ix-xhud waqt id-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti, tghid li kienet qieghda tirrikonoxxi persuna fl-awla bhala r-ragel li rat fil-kamra taghha qieghed jisraq it-telefon cellulari taghha, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi immedjatament qabel, ix-xhud waqt id-depozizzjoni taghha qalet hekk:-

"*Naf nghidlek li kien karnaggjon skur, xaghru qasir, fil-fatt hawn qieghed. Dak il-hin kien id-dlam u biex nghid il-verita` ma rajtux sewwa*."

Ikkunsidrat;

Id-difiza, wara li sottolinejat ic-cirkostanzi xejn favorevoli li fihom jirrizulta mill-atti li x-xhud rat lill-individwu li seraqha, issostni illi l-identifikazzjoni tal-imputat minn Joanna Camilleri ma tistax tinghata valur probatorju u f'kull kaz, ma tiswiex ghaliex ma saritx *identification parade* biex is-suspettat, jekk ikun il-kaz, jigi identifikat fi zmien tempestiv u bis-salvagwardji mehtiega sabiex l-identifikazzjoni tinghata valur probatorju f'procediment kriminali.

In propositu, il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fil-kaz celebri ta' **Turnbull[24],** li ttrattat il-materja tal-identifikazzjoni tal-imputat, u fejn gie ritenut illi meta l-kaz kontra l-imputat jiddependi unikament jew sostanzjalment fuq il-korrettezza ta' identifikazzjoni wahda jew aktar tal-imputat li d-difiza tallega li m'humiex korretti, jehtieg kawtela kbira u ezami akkurat tal-kwalita` tal-evidenza ta' identifikazzjoni u tac-cirkostanzi li fihom ikunu saru dawn l-identifikazzjonijiet, fosthom it-tip ta' vizwali li kellu x-xhud, id-distanza bejnu u l-imputat, jekk kienx jafu jew qattx rah qabel, iz-zmien li ghadda bejn l-osservazzjoni originali u l-identifikazzjoni li saret lill-Pulizija. F'dik id-decizjoni, intqal proprju hekk:-

"*The visual identification of suspects or defendants by witnesses has long been recognised as problematic and potentially unreliable. It is easy for an honest witness to make a mistaken identification, even in some cases where the suspect is well known to him, and some evidence suggests that a confident identification is no more likely to be correct than a cautious or hesitant one.*

… … …

*In some cases, a witness may have qualified his identification by admitting that he was 'not quite certain', or was only '90 per cent sure'. A defendant cannot properly be convicted on qualified identification evidence alone (George [2003] Crim LR 282; Brown [2011] EWCA Crim 80). But as with other kinds of weak identification evidence, a qualified identification may have a legitimate role to play alongside other, more reliable, evidence."*[25]

Dwar il-fatt li ma sarx *identification parade* ghalkemm, skont id-difiza, ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz kienu jindikaw li dan kellu jsir sabiex l-identifikazzjoni tal-imputat mid-derubati tista' titqies li hija wahda attendibbli, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs *Leading Steward* Victor Dalmas** deciza fit-13 ta' Mejju 1961[26]. Hawnhekk il-Qorti tal-Appell qalet li skond il-ligi taghna, ghall-

---

[24] (1977) QB 224, citata f'Archbold, 1997, p. 1255-1256.
[25] Ara Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed.

[26] Vol. XLV.iv.963

identifikazzjoni ta' l-akkuzat mhux necessarja *identification parade*. Hija riteniet ukoll illi:-

*"Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b'xi mod, anki involontarjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika rrakkommandata f'certi kazijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jehtieg, jingabru xi persuni, piu` o meno ta' l-istess eta` u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista' jiehu post fejn irid fosthom';*

*M'hemmx dubju li kif qal Lord Parker CJ in* ***R. vs Parks*** *((1961) I.W.L.R. 1484) 'cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice' u certament din il-preokkupazzjoni urietha diga` din il-Qorti fis-sentenza taghha in re* ***Il-Maesta` Taghha r-Regina vs. Joseph Hallet*** *moghtija fit-22 ta' Marzu 1971 fejn inghad li 'certament, il-Qorti tirrikonoxxi r-riskji li ghalihom tista', in generali, tkun esposta l-prova ta' l-identifikazzjoni ta' persuna'. Din il-Qorti f'dak il-kaz li kien jinvolvi identifikazzjoni minn fuq ritratti murija mill-Pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti ziedet tghid li 'il-Qorti ma tahsibx illi, ghall-finijiet prattici tal-hajja u l-investigazzjoni ta' delitti, essenzjali ghall-ezistenza ordinata stess tas-socjeta`, dan jista' jigi evitat - basta s'intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jigu evitati miscarriages of justice'".*

Applikati dawn il-kunsiderazzjonijiet ghall-kaz odjern, il-Qorti tqis illi ghandu jigi determinat mhux biss x'valur probatorju ghandha taghti lill-identifikazzjoni tal-imputat li ghamlet Joanna Camilleri waqt ix-xhieda taghha quddiem il-Qorti, izda wkoll jekk hemmx provi ohrajn li jorbtu lill-imputat mas-serqa addebitata lilu fit-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Mill-ewwel il-Qorti tirrileva illi ma thossx li ghandha taghti affidabbilita` qawwija lill-gharfien tal-imputat mix-xhud Joanna Camilleri quddiem il-Qorti, liema gharfien evidentement ma sarx f'termini assoluti u inekwivoci. Dan ghaliex fid-dlam li fih jirrizulta li twettqet l-allegata serqa, huwa ovvju li x-xhud ma setghetx kellha vizwali tajba tas-suspettat, kif del resto affermat hija stess meta xehdet quddiem il-Qorti. Barra minn hekk, billi qed jigi allegat illi saret serqa, il-Qorti tifhem illi l-mobile inhataf u s-suspettat harab, f'temp ta'

ftit sekondi. Dan huwa affermat minn dak imnizzel fl-okkorrenza[27] ta' din is-serqa partikolari, fejn jidher illi skont dak li rrapportat Joanna Camilleri lil PS 848 Laurence Gabriel, is-suspettat qabez mill-gallarija tal-kamra liema gallarija tinsab "*xi sular gholi mil-livell tat-triq*" u harab minn fuq il-post flimkien ma' persuna ohra. Dan, apparti l-vizwali limitata li seta' kien hemm minhabba d-dinamika mghaggla tas-serqa u l-harba tas-suspettat minn fuq il-post, ipoggi distanza mhux negligibbli bejn ix-xhud u l-istess suspettat. Il-Qorti tifhem ukoll illi s-suspettat ma kienx persuna maghrufa lix-xhud tant li ma jirrizultax li qattx ratu qabel jew wara s-serqa, hlief meta regghet ratu waqt l-udjenza li fiha xehdet l-imsemmija xhud.

Ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li fil-gabra tac-cirkostanzi kollha li fiha saret, l-identifikazzjoni tal-imputat li ghamlet ix-xhud Joanna Camilleri fl-udjenza tas-16 ta' Lulju 2014, hija wahda ferm dghajfa f'termini ta' valur probatorju, u ghandha titqies b'cirkospezzjoni kbira.

Maghdud dan, il-Qorti tosserva illi fi kwalsiasi kaz, apparti x-xhieda ta' Joanna Camilleri li qalet li identifikat lill-imputat bhala l-persuna li serqilha t-telefon cellulari, <u>ma hemm ebda prova ohra iktar affidabbli fl-atti li torbot lill-imputat mas-serqa</u> in kwistjoni u li tista' sservi biex issahhah l-identifikazzjoni tal-imputat da parti ta' Joanna Camilleri.

Dan qed jinghad ghaliex apparti l-fatt li ma saritx prova permezz ta' impronti digitali, lanqas ma tressaq ebda xhud iehor li xehed illi gharaf jew ra lill-imputat vicin ir-residenza tal-imsemmija Joanna Camilleri, wisq anqas jisraq mill-imsemmija residenza, fil-gurnata tal-allegata serqa cioe` fit-23 ta' Mejju 2014. Infatti, lanqas ma gie prodott biex jixhed ir-ragel ta' Joanna Camilleri li, skont

[27] Dok. LG.

id-depozizzjoni tal-Ispettur Mercieca, kien irrapporta lill-Pulizija li ra l-halliel hiereg mill-gallarija u jgorr haversack ta' lewn blu[28].

Barra minn hekk, it-telefon cellulari li nsteraq minghand Joanna Camilleri, liema mobile hija xehdet li kienet gharfitu meta madwar tliet gimghat wara s-serqa, intwerilha fid-Depot, baqa' ma giex esebit fl-atti. Ghalkemm huwa minnu li l-Ispettur Arthur Mercieca esebixxa telefon cellulari waqt it-testimonjanza tieghu fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 2014 (Dok. AM1), dan it-telefon ma gie identifikat minn ebda wiehed mid-derubati li xehdu f'dawn il-proceduri, lanqas minn Joanna Camilleri, li hi biss setghet tipprovdi l-ahjar prova. Ghalkemm xehdet li gharfet il-mobile li nsterqilha meta dan gie muri lilha fid-Depot wara cirka tliet gimghat mis-serqa[29], quddiem il-Qorti l-imsemmija Joanna Camilleri ma gharfet l-ebda telefon cellulari li allegatament instab fil-baskett jew fil-pussess tal-imputat. Effettivament, mill-atti jirrizulta illi t-telefon cellulari li Joanna Camilleri xehdet li kien instab u gie muri lilha mill-Pulizija, kellu jigi esebit mill-istess Spettur Mercieca[30], izda madanakollu baqa' ma gie esebit ebda telefon iehor fl-atti.

Ikkunsidrat;

Ferm dak kollu fuq premess, il-Qorti tqis illi l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni f'tentattiv li jorbot is-serq tal-mobile ta' Joanna Camilleri mal-imputat, m'humiex ta' kalibru bizzejjed biex jikkonvincu lill-Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kien l-imputat li seraq il-mobile ta' Joanna Camilleri. Konsegwentement il-Qorti ma tistax issib reita` fl-imputat ghat-tieni

[28] Dan qed jinghad ukoll ghaliex minn dak li xehed l-iSpettur Arthur Mercieca, jirrizulta li l-imputat, meta gie arrestat fil-lejl tal-24 ta' Mejju 2014, kellu fil-pussess tieghu basket blu li fih instab mobile Samsung (Dok. AM1).

[29] Vide xhieda ta' Joanna Camilleri a fol. 74.

[30] Ara dak dikjarat a fol. 74.

imputazzjoni u lanqas ghas-seba' imputazzjoni bl-addebitu tar-ricettazzjoni, u dan ghall-istess motivi fuq imfissrin.

## IT-TIELET U R-RABA' IMPUTAZZJONIJIET[31]

Il-Qorti sejra issa tittratta l-imputazzjonijiet li jaddebitaw lill-imputat ir-reati kommessi fil-konfront ta' Sierra Gonzales, cioe` it-tielet u r-raba' imputazzjoni.

Mill-okkorrenza esebita a fol. 23 relattivament ghas-serqa rapportata minn Sierra Gonzales, huwa evidenti li d-data u l-hin tal-incident gie registrat bhala 22 ta' Mejju 2014 fil-5.00 a.m. Dan ir-rapport gie kkonfermat minn Sierra Gonzales meta xehed quddiem il-Qorti fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 2014 u afferma illi nsteraqlu telefon cellulari tad-ditta Sony Experia, u *haversack* kontenenti kartiera bil-flus kontanti u *keychain* bic-cwievet, u li safa aggredit minn zewg persuni li madanakollu, ma setax jaghti deskrizzjoni taghhom. Effettivament, huwa ovvju illi ghalkemm ix-xhud gharaf il-*keychain* kif ukoll il-kartiera tieghu illi mill-provi jirrizulta illi kienu nstabu fil-baskett tal-imputat, ix-xhud ma kienx kompletament cert li gharaf lill-imputat prezenti, u barra minn hekk jekk kien hemm xi xorta ta' identifikazzjoni quddiem il-Qorti, din il-Qorti ma taqbilx li dan ix-xhud ghandu jitqies li identifika lill-imputat spontaneament u minn jeddu bhala l-aggressur tieghu[32]. <u>Maghdud dan hemm il-kunsiderazzjonijiet li diga` saru rigward in-nuqqasijiet fil-kontinwita` tal-evidenza fl-atti processwali riferibbilment ghas-sejbien u l-kontenut tal-baskett tal-imputat</u>.

Ikkunsidrat;

[31] Sierra Gonzales.

[32] Vide fol. 40 *et seq* – seduta tas-16 ta' Lulju 2014.

Illi mir-rizultanzi tal-provi fuq imsemmija, huwa manifest illi l-allegati reati gew kommessi fit-22 ta' Mejju 2014. Madanakollu, ic-citazzjoni giet impostata b'mod illi l-imputazzjonijiet in ezami[33] jirreferu ghal fatti, ossia serq u feriti kkagunati fuq id-derubat, li sehhew fit-23 ta' Mejju 2014 u mhux fit-22 ta' Mejju 2014. Effettivament, l-imputazzjonijiet jirreferu ghal reati kommessi fit-23 ta' Mejju 2014 ghall-habta tal-5.00 a.m u minghajr ebda indikazzjoni li dawn setghu sehhew f'data ohra vicina. Dan ifisser illi kif impostati, l-imsemmija imputazzjonijiet huma limitati ghal fatti li allegatament sehhew fil-gurnata tat-23 ta' Mejju 2014 biss u ma jestendux fil-parametru temporali taghhom, ghal ebda data ohra precedenti. Ma jirrizulta mkien mill-provi illi Sierra Gonzales gie derubat u aggredit fit-23 ta' Mejju 2014 u f'dan l-isfond, il-Qorti tqis illi d-data tat-22 ta' Mejju 2014 li tirrizulta mill-provi, hija materjalment differenti f'element importanti tal-imputazzjonijiet in kwistjoni, u cioe` l-element taz-zmien.

Ikkunsidrat;

Illi s-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car f'dak li ghandu jissemma specifikatament fic-citazzjoni, u jipprovdi li:

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......*"

Illi fis-sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal hekk:-

[33] It-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjoni.

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara.*"[34]

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Il-Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Ikkunsidrat;

Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami, huwa car allura illi l-imputat ma jistax jinsab hati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu, billi dawn jirreferu ghal partikolarita` ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-fatti li wasslu ghall-imputazzjonijiet odjerna.

Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs omissis Francesco sive Godwin Scerri** deciza fit-18 ta' April 2012, jekk tul il-kumpilazzjoni jkunu jirrizultaw partikolaritajiet ta' fatti, lok u zmien li jvarjaw sostanzjalment ma' dak indikat fl-imputazzjonijiet, il-prosekuzzjoni setghet titlob korrezzjoni fic-citazzjoni izda:-

*"Meta l-Avukat Generali rrinvija l-atti ghall-gudizzju minghajr ma talab li ssir korrezzjoni fit-tieni imputazzjoni, kien qieghed jintrabat "mal-fatti" kif espressi fl-imputazzjonijiet originali. ..."*

[34] Ara wkoll in propositu **Il-Pulizija (Spettur Nadia Lanzon) vs Rita Zammit**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' April 2005; **Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) vs Christopher Ryan et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' April 2014 u **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2017.

Fil-kaz odjern, ma ntalbet ebda korrezzjoni mill-Prosekuzzjoni, lanqas permezz tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, biex il-partikolarita` taz-zmien indikata fl-imputazzjonijiet odjerni, li jirrizulta illi hija manifestament zbaljata, tigi tirrifletti dak li jirrizulta b'mod evidenti mill-provi. Konformement, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni baqghet marbuta mal-imputazzjonijiet kif impostati li, kif gia` stabbilit, jirreferu ghad-data tat-23 ta' Mejju 2014.

**IL-HAMES U S-SITT IMPUTAZZJONI**[35]

Illi l-Qorti tqis illi l-istess konsiderazzjonijiet u osservazzjonijiet li saru riferibbilment ghat-tielet u r-raba' imputazzjoni rigward ir-reati li saru ghad-detriment ta' Sierra Gonzales, isibu riskontru pjen kwantu ghall-hames u s-sitt imputazzjoni dwar reati li saru ghad-detriment ta' Godwin Cauchi.

Dan ghaliex Godwin Cauchi, meta xehed[36] quddiem il-Qorti dwar ir-reati addebitati lill-imputat fir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, qal bla tlaqliq illi huwa gie aggredit u misruq gewwa San Giljan kmieni fil-ghodu fit-22 ta' Mejju 2014, ghall-habta tal-4.55 a.m. Dan gie konfermat minn PS 928 Ramon Mifsud Grech li xehed[37] illi kien fit-22 ta' Mejju 2014 fil-5.00 a.m. li huwa rcieva telefonata li kien hemm ragel midrub gewwa San Giljan, liema ragel jirrizulta li kien l-istess Godwin Cauchi.

Il-Qorti tosserva illi filwaqt illi ma jirrizultax li fil-baskett tal-imputat instabu xi oggetti minn dawk allegatament misruqa minghand Godwin Cauchi fit-22 ta' Mejju 2014, l-okkorrenza dwar dan l-incident, li giet esebita bhala Dok. RMG, tafferma illi l-incident fejn Godwin Cauchi gie aggredit u misruq gara fit-22 ta'

[35] Godwin Cauchi.
[36] Fol. 56.
[37] 21 ta' Awwissu 2014.

Mejju 2014 u mhux fit-23 ta' Mejju 2014. Barra minn hekk, Dr. Mark Biancardi xehed[38] illi huwa kien ezamina lil Godwin Cauchi fid-Dipartiment tal-Emergenza fit-22 ta' Mejju 2014 u dan kif evidenzjat mic-certifikat mediku minnu rilaxxat fit-22 ta' Mejju 2014 ghall-hin tas-6.00 a.m.

Ikkunsidrat;

Illi mir-rizultanzi tal-provi fuq imsemmija, huwa manifest illi l-allegati reati gew kommessi ghad-detriment ta' Godwin Cauchi fit-22 ta' Mejju 2014. Ma jirrizulta mkien mill-atti processwali illi Godwin Cauchi gie derubat u aggredit fit-23 ta' Mejju 2014 u f'dan l-isfond, il-Qorti tqis illi d-data tat-22 ta' Mejju 2014 li tirrizulta mill-provi, hija materjalment differenti f'element importanti tal-imputazzjonijiet in kwistjoni, u cioe` l-element taz-zmien. L-imputazzjonijiet in kwistjoni gew impostati b'mod illi r-reati li allegatament gew kommessi ghad-detriment ta' Godwin Cauchi jirreferu ghal fatti, ossia serq u feriti kkagunati fuq l-imsemmija persuna, li sehhew fit-23 ta' Mejju 2014 u mhux fit-22 ta' Mejju 2014, u dan minghajr ebda indikazzjoni li dawn setghu sehhew f'data ohra vicina u minghajr ma saret ebda talba mill-Prosekuzzjoni ghal korrezzjoni fl-imputazzjonijiet kif impostati sabiex f'din il-partikolarita` essenzjali taz-zmien li fih sehhew ir-reati addebitati lill-imputat, dawn jigu jirriflettu r-rizultanzi innegabbli tal-provi.

**Ferm dak kollu fuq premess, il-Qorti ma thossx li tista' ssib reita` fl-imputat ghar-reati li allegatament gew kommessi minnu f'data li fiha ma jirrizultax li sehhew il-fatti addebitati, u ma tistax hlief tikkonkludi illi t-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet ma jirrizultawx ippruvati. Konsegwentement, tqis ukoll illi ma ghandha ebda ghazla hlief li tillibera lill-imputat minn kull htija ghat-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjoni.**

[38] 21 ta' Awwissu 2014.

**L-EWWEL IMPUTAZZJONI**

Qabel tittratta l-addebitu tar-ricettazzjoni, liema akkuza l-Qorti tifhem li nghatat bhala alternattiva ghall-akkuzi ta' serq, il-Qorti sejra tqis l-ewwel imputazzjoni li biha l-imputat jinsab mixli illi nhar l-24 ta' Mejju 2014 ghall-habta tas-1.15 a.m., seraq *handbag* ghad-detriment ta' Lea Rey, liema serq huwa kwalifikat bil-hin.

Ir-rizultanzi tal-provi riferibbilment ghal din l-ewwel imputazzjoni huma s-segwenti:-

Skont dak li gie rapportat lill-Pulizija dwar il-fatti koncernanti l-ewwel imputazzjoni, u minn dak li jirrizulta mill-okkorrenza esebita in atti[39], Lea Rey informat lill-Pulizija illi hija gharfet lill-imputat gewwa l-Ghassa tal-Pulizija bhala l-persuna li hadilha l-*handbag* meta kienu barra l-istabbiliment Juuls. Fir-rigward, gie rapportat illi "*at that moment culprit* [who] *was being detained at the Police Station, approached her and asked her for some fire to light up a cigarette*." Gie rapportat ukoll illi skont Lea Rey, meta hija rrealizzat li l-baskett taghha kien nieqes minn postu, "*persons near-by informed her that her bag was stolen by the related person*".

Izda, meta xehdet quddiem il-Qorti, Lea Rey qalet illi effettivament hija kienet rat il-persuna tehodilha l-*handbag* u li dan kien l-imputat, li ghariftu fl-awla. Hi xehdet hekk fir-rigward:-

"*He didn't run with the bag, he just walked away but I saw him and I told my boyfriend*."[40]

[39] Dok TJM a fol 124 *et seq*.
[40] Fol. 80.

Lea Ret xehdet ukoll quddiem il-Qorti illi meta marret tirrapporta s-serq fl-Ghassa tal-Pulizija, il-baskett taghha kienet diga` sabitu – dan wara xi ghoxrin minuta, madwar hames jew sitt metri 'l boghod minn fejn allegatament insteraq. Ix-xhud ikkonfermat illi f'dan il-baskett kellha biss *MP3 player* u ma kellha ebda telefon cellulari. Fil-fatt, mhuwiex kontestat illi l-imsemmi *MP3 player* kien ghadu gol-baskett meta dan instab. Effettivament, Lea Rey xehdet ukoll li ma kien hemm xejn nieqes mill-*handbag* taghha.

Rigward dan is-serq, xehed ukoll Jack Dyer Bailey, habib ta' Lea Rey, li kien maghha fl-istabbiliment Juuls meta l-baskett taghha gie misruq. Dan ix-xhud qal li huwa ma kienx ra l-baskett ta' Lea Rey jinsteraq, u kienet l-istess Lea Rey li gharrfitu li xi hadd telaq bil-baskett taghha. Spjega illi hu telaq jigri wara s-suspettat, izda meta waqqfu u gie muri x'kien hemm fil-haversack tal-istess suspettat, huwa ra li ma kien hemm xejn fil-baskett li kellu fuqu din il-persuna: "*I asked him to open his bag and there was nothing in it."* Madanakollu, xehed illi dak il-hin *"… I saw him chuck a bag to the side*."

Mhuwiex car x'kien jew ta' min kien il-baskett li gie deskritt li kien mitfugh mal-art, izda Terry James Mallia, PS 750, xehed illi l-baskett li jappartjeni lil Lea Rey:-

"*… elevawh huma stess. Gabuh l-ghassa maghhom* [id-derubati]. *Iva u kien qieghed go basket li huwa tieghu. Jigifieri l-baskett, tefghu go baskett. ... Il-kontenut kien MP3 player. Kien hemm fih dan."*

Ikkunsidrat;

Illi d-difiza sottomettiet illi l-process ta' identifikazzjoni f'dan il-kaz ma kienx wiehed sod ghaliex sehh fi stabbiliment iffollat (ghalkemm ma jirrizulta minn imkien li l-post kien iffollat) u barra minn hekk l-identifikazzjoni saret ghaliex

il-Pulizija, minflok ma ghamlu *identification parade*, ghazlu li lil Lea Rey juruha biss lill-imputat.

Izda l-Qorti tqis illi meta Lea Rey xehdet illi: "*the guy was already at the police station*" – dan ma jistax hlief ifisser illi hi rikonoxxiet lill-imputat spontaneament, qabel il-Pulizija wrewhulha ghall-fini ta' identifikazzjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi kien l-imputat stess illi ghazel li jixhed[41] u jikkonferma illi huwa kien fl-istabbiliment in kwistjoni fil-hin li allegatament insteraq il-baskett ta' Lea Rey, u li ftit 'il boghod mill-istess stabbiliment kienu kkonfrontawh xi persuni dwar xi basket misruq u hebbew ghalih. Dan jorbot lill-imputat inezorabbilment mac-cirkostanzi tal-allegat serq tal-baskett ta' Lea Rey.

Barra minn hekk, l-imsemmi Jack Dyer Bailey xehed bla tlaqliq illi meta lahaq lill-imputat u kkonfrontah, huwa rah jitfa' baskett fl-art, liema baskett jirrizulta sodisfacjentement li kien dak ta' Lea Rey.

Dan premess, il-Qorti hija tal-fehma illi mhux biss jirrizulta li l-imputat kien effettivament il-persuna li ntlemah jifta' fl-art il-baskett ta' Lea Rey, izda wkoll li l-process ta' gharfien tal-imputat bhala din il-persuna, huwa wiehed sod u konsistenti.

Il-Qorti hija ghalhekk moralment konvinta illi kien l-imputat illi seraq il-baskett ta' Lea Rey. Ghalkemm jirrizulta illi dan il-baskett gie rikoverat mill-ewwel ghaliex l-imputat, meta twaqqaf minn Jack Dyer Bailey, tefghu fl-art u harab, u ghalkemm jirrizulta illi ma naqas xejn minn gewwa l-baskett, il-Qorti xorta wahda tqis illi l-elementi kollha tar-reat ikkonsmat ta' serq jikkonfiguraw f'dan

[41] Seduta tal-11 ta' April 2018.

il-kaz. Wara kollox, kif gie ritenut in propositu mill-Corte di Cassazione Taljana:-

"*Risponde di furto consumato e non semplicement e tentato chi, dopo essersi impossessato della refurtiva non sia ancora allontanato dal luogo della sottrazione e abbia esercitato sulla cosa un potere del tutto momentaneo essendo stato costretto ad abbandonarla subito dopo il fatto per il pronto intervenuto dell'avente diritto o della polizia*.[42]"

Ghaldaqstant, l-imputat qed jinsab hati tal-ewwel imputazzjoni.

**IS-SEBA' IMPUTAZZJONI**

Illi dwar is-seba' imputazzjoni li taddebita lill-imputat ir-reat tar-ricettazzjoni, il-Qorti tosserva illi din giet impostata b'mod illi tirreferi ghal fatti li sehhew "*matul l-ahhar gimghat*." L-imputat tressaq quddiem il-Qorti akkuzat bid-diversi imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proceduri, fil-25 ta' Mejju 2014 u ghalhekk, mhuwiex eskluz illi jinsab hati ta' ricettazzjoni in kwantu ghall-oggetti appartenenti lil Sierra Gonzales, Lea Rey, Joanna Camilleri u Godwin Cauchi, li jirrizulta li gew deruabti fit-22 ta' Mejju 2014 u kwindi ben entro l-parametri stabbiliti fl-imputazzjoni. Billi l-imputat qed jinsab hati li seraq lil Lea Rey, ma jistax jinsab ukoll hati tas-seba' imputazzjoni kwantu ghall-oggetti appartenenti lil din il-persuna, ghaliex il-Qorti tifhem illi l-imputazzjoni dwar ricetazzjoni inghatat bhala alternattiva ghal dik tas-serq.

B'referenza ghal Godwin Cauchi, ma jirrizultax illi nstabu fil-baskett tal-imputat, jew fil-pussess tieghu, xi oggetti li allegatament gew misruqin minghand l-imsemmi Godwin Cauchi u ghalhekk ma hemm ebda prova li l-imputat laqa' ghandu oggetti misruqa ghad-deteriment ta' din il-persuna. Dawn l-istess konsiderazzjonijiet isibu riskontru wkoll riferibbilment ghall-oggetti

[42] Corte di Cassazione, 18 ta' Awwissu 1993.

misruqa minghand Joanna Camilleri. Kif gia` osservat, ma giex ippruvat sodisfacjentement illi t-telefon cellulari li nsteraq minghand Joanna Camilleri kien effettivament dak li nstab fil-baskett tal-imputat u fi kwalsiasi kaz, jibqa' l-fatt illi mill-evidenza li ghandha quddiemha, il-konnessjoni bejn l-imputat u l-oggetti li nstabu fil-baskett tieghu mhijiex b'sahhitha bizzejjed biex tikkonvinci lill-Qorti sal-grad li trid il-Ligi bil-htija tal-imputat tar-reat ta' ricettazzjoni.

Fil-kaz ta' Sierra Gonzales billi l-imputat mhux qed jinsab hati tas-serq addebitat fit-tielet imputazzjoni, il-Qorti ghandha tikkonsidra jekk minflok hemmx bizzejjed provi biex l-imputat jinsab hati ta' ricettazjoni tal-oggetti misruqa minghand l-imsemmi derubat.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirrizulta li Sierra Gonzales gharaf uhud mill-oggetti li nsterqulu[43] u li nstabu fil-baskett tal-imputat, liema oggetti kienu gew esebiti fl-atti, tant illi x-xhud irtirahom waqt l-udjenza tat-3 ta' Gunju 2014. Dan ifisser illi hemm rabta bejn l-imputat u l-oggetti misruqa li nstabu fil-baskett tieghu. Huwa minnu illi, applikati l-konsiderazzjonijiet li diga` saru dwar in-nuqqas ta' kontinwita` tal-evidenza migjuba dwar ic-cirkostanzi li fihom instab il-baskett tal-imputat u kif dan gie elevat u mghoddi lill-Pulizija, il-Qorti ma tistax *ut sic* issib reita` ghas-serq tal-oggetti li gew ippruvati li nsterqu mid-derubati li xehdu f'dawn il-proceduri u li nstabu effettivament fil-baskett tal-imputat.

Izda, jibqa' l-fatt illi ghalkemm il-baskett gie elevat u ngieb l-Ghassa tal-Pulizija minn persuna li ma xehditx il-proceduri odjerni, l-imputat ammetta, meta xehed quddiem il-Qorti, illi dan huwa tieghu. Huwa jghid illi dan il-basket hu hallih warajh meta gie aggredit ftit 'il boghod mill-istabbiliment Juuls, u dam cirka kwarta jew ghoxrin minuta fil-pussess ta' terzi persuni.

[43] Kartiera u keychain.

Madanakollu, ma setax jaghti spjegazzjoni ta' kif l-oggetti, fosthom dawk misruqa minghand Sierra Gonzales, instabu fil-baskett tieghu.

Ikkunsidrat;

Huwa sinjifikanti illi Sierra Gonzales kien l-uniku xhud li xehed f'dawn il-proceduri li gharaf bhala tieghu xi oggetti li nstabu fil-baskett tal-imputat. Konformement, il-Qorti tqis illi l-uniku prova li hemm fl-atti dwar hwejjeg li gew attwalment misruqa jew akkwistati b'reat, ghall-finijiet tas-seba' imputazzjoni, hija fir-rigward tal-kartiera u keychain appartenenti lil Sierra Gonzales li nstabu fil-baskett tal-imputat u li ntgharfu mill-istess derubat f'dawn il-proceduri.

Izda f'dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm l-imputat irrikonoxxa li l-baskett li fih instabu l-oggetti misruqa huwa tieghu, m'humiex cari c-cirkostanzi ta' kif gie elevat dan il-baskett u kif wasal ghand il-Pulizija, kif diga` stabbilit fil-konsiderazzjonijiet iktar qabel premessi. Kieku gie stabbilit sodisfacjentement mill-provi illi l-baskett li telaq warajh l-imputat u li fih allegatament instabu l-oggetti misruqa, m'huwiex l-istess baskett li Jack Dyer Bailey qal li kien ma kien hemm xejn go fih, u kieku gie stabbilit inoltre x'kien effettivament il-kontenut ta' dan il-baskett meta eventwalment ittiehed mill-pussess tal-imputat u gie mghoddi lill-Pulizija mill-persuna li baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri, il-Qorti zgur li ma kienx ikollha rizervi daqshekk kbar biex tasal biex issib htija fl-imputat ghar-reat ta' ricettazzjoni tal-oggetti misruqa minghand Sierra Gonzales. Dan anke ghaliex ghas-sejbien ta' htija ghal dan ir-reat bl-applikazzjoni tat-teorija Ingliza tal-*unlawful possession of recently stolen goods*, li pacifikatament sabet applikazzjoni wkoll fis-sistema legali taghna, ma kienx jehtiegx prova iktar minn dan.

Huwa minnu illi l-imputat ma offriex spjegazzjoni dwar kif l-oggetti misruqa nstabu fil-baskett tieghu meta dan gie mghoddi lill-Pulizija, izda l-Qorti ma tistax twarrab il-konflitt evidenti fil-provi dwar il-kontenut ta' dan il-baskett, oltre ghan-nuqqas ta' kontinwita' fl-evidenza dwar kif dan il-baskett gie elevat u minn min, u x'instab fih meta gie ezaminat mill-persuna li elevatu qabel gie mghoddi lill-Pulizija. F'dan il-kaz ma kienx jispetta lill-imputat li jaghti spjegazzjoni kredibbli ghall-pussess tieghu tal-oggetti misruqa jekk qabel xejn ma jkunx gie ppruvat lil hin minn kull dubju ragjonevoli li dawn l-istess oggetti kienu fil-pussess tieghu. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, kif gia` stabbilit, il-konnessjoni bejn l-imputat u l-oggetti li nstabu fil-baskett tieghu tintilef fl-ekwivoci li johorgu minn analizi tat-testimonjanza tad-diversi xiehda li xehdu riferibbilment ghall-baskett tal-imputat, u l-Qorti ma thossx li tista' taghmel din il-konnessjoni jekk mhux billi taghmel certu assunzjonijiet. Izda s-sejbien ta' htija fi proceduri kriminali dawn ma ghandhomx post fis-sejbien ta' htija fi proceduri kriminali.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi xejn cari u ekwivoci, il-Qorti ma ghandhiex il-konvinciment morali li l-akkuza ta' ricettazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-konfront tal-imputat, irrispettivament mill-applikazzjoni o meno tat-teorija fuq imsemmija, ghaliex fi kwalunkwe kaz, ma jistax jinghad li gie ppruvat lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-oggetti misruqa gew misjuba effettivament fil-pussess tal-imputat.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tqis illi fil-gabra tac-cirkostanzi kollha tar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni, li hija l-unika imputazzjoni li taghha l-imputat ghandu jinstab hati, ghandha tiehu qies mhux biss tal-gravita` tar-reat, izda wkoll tal-kondotta nadifa tal-imputat. Il-Qorti tosserva ulterjorment illi mill-provi jirrizulta illi l-valur tal-baskett ta' Lea Rey kellu valur ta' €25 filwaqt li l-MP3 player li kien

jinsab fl-istess baskett meta dan insteraq (li wkoll gie rikoverat) kellu valur ta' €30, u illi d-derubata giet reintegrata fil-pussess tal-oggetti misruqa. Il-Qorti sejra tiehu dawn ic-cirkostanzi kollha in konsiderazzjoni meta tigi biex tinfliggi l-piena.

L-uniku kwalifika tas-serq li tieghu l-imputat qed jinsab hati, hija l-kwalifika tal-hin, u jirrizulta ampjament ippruvat illi dan is-serq twettaq bejn inzul u tlugh ix-xemx[44]. Ghalhekk b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 281(a) tal-Kapitolu 9, il-piena ghandha tkun ta' prigunerija ghal zmien bejn seba' xhur u sentejn.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi ma ssibx lill-imputat MOHAMMED OMAR MUSTAFA hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames imputazzjoni, u lanqas tas-seba' imputazzjoni u ghalhekk tilliberah minnhom, izda wara li rat l-Artikolu 261(f), 270 u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat MOHAMMED OMAR MUSTAFA hati tal-ewwel imputazzjoni u wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' imputazzjoni in kwantu din inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjoni li taghha qed issib lill-imputat hati, tikkundannah prigunerija ghal zmien sena izda, peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussistu ragunijiet validi biex it-terminu ta' prigunerija jigi sospiz bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

[44] Mill-provi jirrizulta li s-serq gie kommess ghall-habta tas-1.15 a.m.

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**